



Brussell, it-30 ta' Marzu 2020  
REV1 - jissostitwixxi l-avviż datat  
26 ta' Frar 2019

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAR-REGOLAMENT DWAR IL-KIMIĊI TAĦT IR-REACH

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneqozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>5</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

[Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

#### **Parir lill-partijiet ikkonċernati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-manifatturi/produtturi stabbiliti f'pajjiż terz, inkluż ir-Renju Unit, ta' sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluđa tali estensjoni.

<sup>4</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

f'oġġetti manifatturati jew imqiegħda fis-suq tal-UE fi kwantitajiet ta' 1 tunnellata jew aktar kull sena, huma b'mod partikolari rakkomandati li:

- jiżguraw li r-reġistrazzjoni tkun għand manifattur jew importatur fl-UE; jew
- jaħtru Rappreżentant Uniku fl-UE bħala reġistrant għas-sustanza.

L-utenti downstream stabbiliti fl-UE għandhom jivvalutaw jekk is-sustanza użata hijiex irreġistrata minn reġistrant stabbilit fl-UE. Fejn dan ma jkunx il-każ, l-utent downstream għandu:

- jadatta l-katina tal-provvista skont dan (jiġifieri jiġi identifikat fornitur alternattiv);
- jikkuntattja lir-reġistrant tar-Renju Unit sabiex jiżgura li r-reġistrant jippjana li jaħtar Rappreżentant Uniku; jew
- jirreġistra s-sustanza fil-kapaċità tiegħu ta' importatur jew Rappreżentant Uniku maħtura mir-reġistrant tar-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi<sup>6</sup>, mhux se japplika għar-Renju Unit<sup>7</sup>. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. REĠISTRAZZJONI**

#### **1.1. Reġistrazzjonijiet miżmuma mir-reġistrant (manifattur/produttur, importatur jew Rappreżentant Uniku) stabbiliti fir-Renju Unit**

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, bħala regola ġenerali, is-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti manifatturati jew imqiegħda fis-suq tal-UE fi kwantitajiet ta' 1 tunnellata jew aktar fis-sena għandhom jiġu rreġistrati mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Ir-reġistrant għandu jkun stabbilit fl-UE (l-Artikolu 3(4), (9) u (11) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006). Meta manifattur/produttur ikun stabbilit f'pajjiż terz, dak il-manifattur/produttur jista' jaħtar persuna li taġixxi bħala "Rappreżentant Uniku" tiegħu (l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006). Ir-Rappreżentant Uniku għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma tal-informazzjoni disponibbli fir-rigward tal-kwantitajiet u l-provvista tas-sustanzi rreġistrati.

<sup>6</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

<sup>7</sup> Rigward l-applikabilità tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

Wara d-data tal-perjodu ta' tranżizzjoni, reġistrazzjoni miżmuma minn reġistrant (manifattur/produttur, importatur jew Rappreżentant Uniku) stabbilit fir-Renju Unit ma tibqax valida fl-UE.

Għalhekk, manifatturi/formulatori/produtturi stabbiliti fir-Renju Unit jenħtieġ li:

- jittrasferixxu r-reġistrazzjoni lill-manifattur jew lill-importatur fl-UE; jew
- jaħtru Rappreżentant Uniku fl-UE bħala reġistrant għas-sustanza.

**L-ECHA ppubblikat gwida dettaljata dwar kif għandha tiġi trasferita reġistrazzjoni qabel l-irtirar tar-Renju Unit<sup>8</sup>.**

Il-manifatturi/formulatori/produtturi stabbiliti f'pajjiż terz u li jużaw Rappreżentant Uniku stabbilit fir-Renju Unit għandhom jittrasferixxu r-reġistrazzjoni lil Rappreżentant Uniku fl-UE.

L-importaturi stabbiliti fir-Renju Unit u li jfornu s-sustanzi, it-taħlitiet jew l-oġġetti lill-UE għandhom jieħdu l-passi biex jiżguraw li l-manifattur/formulator/produttur fil-pajjiż terz li minnu jkunu qed jimportaw jaħtar Rappreżentant Uniku fl-UE bħala reġistrant għas-sustanza.

## 1.2. Rilevanza għall-utenti downstream fl-UE

Skont l-Artikolu 5 flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sustanza waħedha jew f'taħlita tista' tiġi manifatturata jew imqiegħda fis-suq biss fi kwantitajiet ta' 1 tunnellata jew aktar kull sena jekk tkun ġiet irreġistrata skont dak ir-Regolament.

Dan ta' hawn fuq ifisser li, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, sustanza mhux irreġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma tistax tibqa' tiġi importata mir-Renju Unit fl-UE fi kwantitajiet ta' 1 tunnellata jew aktar fis-sena.

Għalhekk, l-utenti downstream fl-UE għandhom jivvalutaw jekk is-sustanza użata hijiex irreġistrata minn reġistrant stabbilit fl-UE u jekk l-użu tagħhom huwiex kopert mir-reġistrazzjoni. Fejn dan ma jkunx il-każ, l-utent downstream għandu:

- jadatta l-katina tal-provvista kif xieraq (jiġifieri jidentifika fornitur alternattiv) u, f'każ li l-użu(i) downstream mhumiex appoġġat, jirrapportahom flimkien ma' rapport dwar is-sigurtà kimika tal-utent downstream;
- jikkuntattja lir-reġistrant tar-Renju Unit sabiex jiżgura li r-reġistrant jippjana li jaħtar Rappreżentant Uniku; jew

8

[https://echa.europa.eu/documents/10162/13552/how\\_to\\_transfer\\_uk\\_reach\\_registrations\\_en.pdf/1fb443ce-79de-6596-aae5-3f1033f1a5fb](https://echa.europa.eu/documents/10162/13552/how_to_transfer_uk_reach_registrations_en.pdf/1fb443ce-79de-6596-aae5-3f1033f1a5fb)

- jirreġistra s-sustanza fil-kapaċità tiegħu ta' importatur jew Rappreżentant Uniku maħtur mir-reġistrant tar-Renju Unit.

**L-ECHA ppubblikat lista tas-sustanzi kollha rreġistrati biss minn entitajiet legali stabbiliti fir-Renju Unit<sup>9</sup>.**

### 1.3. Sottomissjonijiet konġunti/reġistrant prinċipali

L-Artikoli 11 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jeħtieġu s-sottomissjoni konġunta ta' reġistrazzjoni, b'Reġistrant Prinċipali.

Kif stipulat fit-taqsimi 1.1 ta' dan l-avviż, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-reġistrazzjoni minn persuna stabbilita fir-Renju Unit issir invalida. Jekk din il-persuna kienet ir-Reġistrant Prinċipali, għandhom jittieħdu l-passi stipulati hawn fuq (it-taqsimi 1.1.). Jekk ir-Reġistrant Prinċipali ma jkunx beħsiebu jieħu dawn il-passi, wieħed mill-membri l-oħra tas-sottomissjonijiet konġunti għandu jieħu f'idejh ir-rwol tar-Reġistrant Prinċipali.

## 2. AWTORIZZAZZJONI

### 2.1. Detenturi tal-awtorizzazzjoni u applikanti għall-awtorizzazzjoni stabbiliti fir-Renju Unit

Skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, sustanzi elenkati fl-Anness XIV għal dak ir-Regolament jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni sabiex jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw.

Skont l-Artikolu 62(2) flimkien mal-Artikolu 3(9), (11) u (13) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-applikant għal awtorizzazzjoni u d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fl-UE.

Għalhekk wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni sottomessa minn, jew awtorizzazzjoni miżmuma minn persuna stabbilita fir-Renju Unit ma tibqax valida fl-UE.

Meta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tkopri l-użi minn atturi downstream fil-katina ta' provvista tal-applikant/detentur tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, it-tmiem tal-validità tal-applikazzjoni/awtorizzazzjoni jaffettwa wkoll lil dawk l-operaturi stabbiliti fl-EU peress li mhux se jibqgħu jkun koperti bl-applikazzjoni/awtorizzazzjoni.

Bħalissa hemm tliet deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni adottati li jaqgħu taħt dan ix-xenarju.

Għal dawk id-deċiżjonijiet kif ukoll għall-applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni pendenti li jaqgħu taħt dan ix-xenarju, sabiex jiġi żgurat li l-utenti downstream ikunu koperti mill-awtorizzazzjoni/applikazzjoni, l-

<sup>9</sup> <https://echa.europa.eu/advice-to-companies>

applikant/detentur tal-awtorizzazzjoni ibbażat fir-Renju Unit għandu jiżgura li:

- l-attività/l-applikazzjoni tal-importazzjoni tiġi ttrasferita qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għal entità ġuridika stabbilita fl-UE. Tali trasferiment għandu jkun ir-riżultat ta' bidla ta' entità legali (pereżempju, bħala riżultat ta' fużjoni, qsim jew bejgħ ta' assi), u l-persuna li lilha l-applikazzjoni hija trasferita jenħtiegħ li tikkwalifika bħala manifattur, importatur jew utent "downstream" tas-sustanzi fil-kamp ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni; jew
- jekk id-detentur/applikant tal-awtorizzazzjoni huwa manifattur, huwa jaħtar Rappreżentant Uniku stabbilit fl-UE b'effett fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

L-applikant għandu jinnotifika lill-ECHA bil-bidla tal-entità legali qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

## **2.2. Rilevanza għall-utenti downstream fl-UE**

Skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-awtorizzazzjoni tista' tinkludi l-użu downstream ta' sustanza.

Għalhekk, l-utenti downstream fl-UE soġġetti għal awtorizzazzjoni għandhom jivvalutaw jekk l-applikant għal awtorizzazzjoni li jkopri l-użu tagħhom huwiex stabbilit fir-Renju Unit.

F'dan il-każ, l-utent downstream għandu jikkuntattja lill-applikant għal awtorizzazzjoni sabiex jiżgura li dan tal-aħħar jieħu l-passi stipulati fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-avviż. Alternattivament, meta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li tkopri l-użu tal-utent downstream tkun applikazzjoni konġunta ma' entitajiet legali oħra tal-UE, l-utent downstream jista' jirringa biex is-sostanza tkun provvduta minn koapplikant ibbażat fl-UE.

## **B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL- ĦRUĠ**

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>10</sup>.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqiegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi hłas kif ukoll mingħajr hłas<sup>11</sup>. "Provvista ta' oġġett

<sup>10</sup> L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>11</sup> Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu” tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta’ ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ persuni ġuridiċi jew fiżiċi, jew aktar, għat-trasferiment ta’ sjieda, ta’ kwalunkwe dritt ieħor ta’ proprjetà, jew ta’ pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta’ offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta’ tali ftehim”.<sup>12</sup>

### C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA’ FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA’ TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq (“Il-Protokoll IE/NI”)<sup>13</sup>. Il-Protokoll IE/NI huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta’ Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta’ applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni<sup>14</sup>.

Permezz tal-Protokoll IE/NI ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq. Fil-Protokoll IE/NI, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, l-Irlanda ta’ Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru<sup>15</sup>.

Il-Protokoll IE/NI jipprovdi li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq<sup>16</sup>.

Dan ifisser li, sa fejn hija kkonċernata l-liġi tal-UE li saret applikabbli mill-Protokoll tal-IE/NI għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, ir-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta’ dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta’ Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B’mod aktar speċifiku, dan ifisser *inter alia* dan li ġej:

a) Reġistrazzjonijiet:

- bħala regola ġenerali, is-sustanzi waħedhom, f’taħlitiet jew f’oġġetti manifatturati jew imqiegħda fis-suq fl-Irlanda ta’ Fuq fi kwantitajiet ta’ 1 tunnellata jew aktar fis-sena għandhom jiġu rreġistrati mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Dan japplika wkoll fejn is-sustanza tintbagħat mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta’ Fuq u titqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta’ Fuq.

---

<sup>12</sup> Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>13</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>14</sup> Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq

<sup>15</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/NI.

<sup>16</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq u t-taqsimha 23 tal-Anness II ta’ dak il-Protokoll.

- sustanza li tiġi manifatturata fl-Irlanda ta' Fuq u li tiġi ttrasportata lejn l-UE mhijiex sustanza importata għall-finijiet tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni. Reġistrant tar-Renju Unit stabbilit fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux għalfejn jittrasferixxi r-reġistrazzjoni lil manifattur jew lil importatur fl-UE u m'għandux għalfejn jaħtar persuna li taġixxi bħala r-“Rappreżentant Uniku” tiegħu fl-UE;
- fejn il-ħatra ta' Rappreżentant Uniku hija possibbli, Rappreżentant Uniku stabbilit fl-Irlanda ta' Fuq jitqies bħala Rappreżentant Uniku fl-UE (ara hawn fuq, it-taqsim A.1);

b) Awtorizzazzjonijiet:

- It-tqegħid fis-suq u l-użu fl-Irlanda ta' Fuq ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (“Sustanzi tal-Anness XIV”) huma soġġetti għar-regoli għall-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006; Dan japplika wkoll fejn is-sustanza tintbagħat mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq u titqiegħed fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.
- Is-sustanzi tal-Anness XIV manifatturati jew imqiegħda fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq jeħtieġu awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

Madankollu, il-Protokoll tal-IE/NI jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni<sup>17</sup>;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sal-punt li jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;<sup>18</sup>
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, eżamijiet u awtorizzazzjonijiet<sup>19</sup>.

Is-“sit web iddedikat għall-Brexit” tal-ECHA (<https://echa.europa.eu/uk-withdrawal-from-the-eu>) kif ukoll is-sit web tal-Kummissjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi (<https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/> and [http://ec.europa.eu/environment/chemicals/reach/reach\\_en.htm](http://ec.europa.eu/environment/chemicals/reach/reach_en.htm)) jipprovdu informazzjoni addizzjonali. Dawn il-paġni se jkunu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

Id-Direttorat Ġenerali għas-suq intern, l-industrija, l-intraprenditorija u l-SMEs

<sup>17</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dan se jseħħ fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-IE/NI.

<sup>18</sup> Il-ħames sottoparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll IE/NI

<sup>19</sup> L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll IE/NI